KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.12.2007
KUMM(2007) 820 finali

2005/0032 (COD)

# OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 251 (2) il-punt c) tat-Trattat tal-KE dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill**

**pożizzjoni komuni dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri tan-negozji għal skopijiet ta' statistika u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93**

JEMENDA L-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI b'mod konformi ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE

2005/0032 (COD)

# OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

## skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 251 (2) il-punt c) tat-Trattat tal-KE dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill

## pożizzjoni komuni dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri tan-negozji għal skopijiet ta' statistika u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93

### 1. SFOND

- Il-proposta titressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill (COM(2005)112 – 2005/0032(COD)) fil-5 ta' April 2005
- Opinjoni tal-Parlament Ewropew (l-ewwel qari) (PE A6-0194/2006) fl-1 ta' Ġunju 2006:
- Adozzjoni ta' pożizzjoni komuni mill-Kunsill fil-21 ta' Mejju 2007 :
- Opinjoni tal-Parlament Ewropew (it-tieni qari) (P6_TA-PROV(2007)0479 – A6-0353/2007) fil-25 ta' Ottubru 2007

### 2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-għan tal-proposta huwa li taġġorna r-Regolament eżistenti dwar ir-reġistri statistiċi tan-negozji sabiex jitqiesu rekwiżiti ġodda, b'mod partikolari:

- il-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija ħolqot il-ħtieġa li jinġabar it-tagħrif dwar il-gruppi ta' intrapriża;
- l-integrazzjoni ta' l-attivitajiet tas-setturi differenti rrikjediet kopertura sħiħa ta' l-ekonomija kollha kemm hi;
- is-Suq Uniku jirrikjedi komparabilità mtejba ta' l-istatistika, li tiddependi partikolarment fuq id-disponibilità ta' l-għejun armonizzati għall-popolazzjoni ta' negozji li joperaw fl-UE.

### 3. L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-EMENDI PROPOSTI MILL-PARLAMENT

### 3.1. Taqsira tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni

Il-Parlament adotta żewġ emendi. Il-Kummissjoni tista' taċċetta t-tnejn kif inhuma; l-emendi huma kjarifiki legali li ma jbiddlux is-sustanza.

### 4. Konklużjoni

Il-Kummissjoni aċċettat l-emendi kollha adottati mill-Parlament.